SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

11 ta' Diċembru 2014*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Viżi, ażil, immigrazzjoni u politiki oħra marbutin mal-moviment liberu tal-persuni — Direttiva 2008/115/KE — Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment — Prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża — Dritt ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'residenza irregolari li jinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tista' taffettwa l-interessi tiegħu — Deċiżjoni ta' ritorn — Dritt għal smigħ qabel ma tittieħed id-deċiżjoni ta' ritorn — Kontenut ta' dan id-dritt"

Fil-Kawża C-249/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE mressqa mit-Tribunal Administratif de Pau (Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' April 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Mejju 2013, fil-proċedura

**Khaled Boudjlida**

vs

**Il-prefett tal-Pyrénées-Atlantiques,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, C. Vajda, A. Rosas (Relatur), E. Juhász u D. Šváby Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: V. Tourrès, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Mejju 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Boudjlida, minn M. Massou msejjaħ Labaquère u M. Zouine, avukati,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues, D. Colas u F.-X. Bréchot, kif ukoll minn B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn J. Langer u M. Bulterman, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Condou-Durande u D. Maidani, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-25 ta' Ġunju 2014,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta’ Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, p. 98) kif ukoll d-dritt għal smigħ f’kull proċedura.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ tilwima bejn K. Boudjlida, ċittadin Alġerin f’residenza irregolari, u l-prefett tal-Pyrénées-Atlantiques, dwar deċiżjoni ta’ dan tal-aħħar, tal-15 ta’ Jannar 2013, li tobbliga lil K. Boudjlida li jitlaq mit-territorju Franċiż, flimkien ma’ terminu għal tluq volontarju ta’ 30 jum u li tistabbilixxi bħala l-pajjiż ta’ destinazzjoni l-Alġerija (iktar ’il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 4, 6 u 24 tad-Direttiva 2008/115 huma fformulati kif ġej:

“(4) Hemm bżonn li jitfasslu regoli ċari, trasparenti u ġusti biex ikun hemm politika ta’ ritorn effettiva bħala element neċessarju ta’ politika tal-migrazzjoni li tkun ġestita b’mod tajjeb.

[...]

(6) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tmiem ta’ soġġorn [residenza] illegali ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi jitwettaq permezz ta’ proċedura ġusta u trasparenti. Skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi ta’ l-UE, deċiżjonijiet meħuda skond din id-Direttiva għandhom jiġu adottati fuq bażi ta’ każ b’każ u abbażi ta’ kriterji oġġettivi, li jimplika li l-konsiderazzjoni għandha tmur lil hinn mis-sempliċi fatt ta’ soġġorn [residenza] illegali [...]

[...]

(24) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji rikonoxxuti b’mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea [iktar ’il quddiem il-‘Karta’].”

4 L-Artikolu 1 ta’ din id-direttiva, intitolat “Suġġett”, jipprovdi:

“Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem.”

5 L-Artikolu 2(1) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

“Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin illegalment fit-territorju ta’ Stat Membru.”

6 Skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni [id-Direttiva] għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

2) 'soġġorn [residenza] illegali' tfisser il-preżenza fit-territorju ta' Stat Membru, ta' ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew m'għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' [...] dħul, soġġorn jew residenza f'dak l-Istat Membru;

[...]

4) 'deċiżjoni ta' ritorn' tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li s-soġġorn ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara l-obbligu ta' ritorn;

[...]"

7 L-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, intitolat "Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa" jipprovdi:

"Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta':

a) l-aħjar interessi tat-tfal,

b) il-ħajja familjari,

c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat u,

jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement."

8 L-Artikolu 6 tal-istess direttiva, intitolat "Deċiżjoni ta' ritorn", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment [għandu residenza illegali] fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw illegalment [għandhom residenza illegali] fit-territorju ta' Stat Membru u għandhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn [residenza] maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandhom jintalbu jmorru fit-territorju ta' dak l-Istat Membru minnufih. Fil-każ ta' non-konformità miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat ma' din il-ħtieġa, jew fejn it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skond ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu japplika l-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu, f'kull ħin, jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn [residenza] għal raġunijiet ta' kompassjoni, dawk umanitarji jew għal raġunijiet oħrajn lil ċittadin minn pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment

fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ m'għandha tinħareġ ebda deċiżjoni ta' ritorn. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun diġà nħarġet, din għandha tiġi rtirata jew sospiża tul iż-żmien tal-validità tal-permess ta' residenza jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn [residenza].

5. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun is-suġġett ta' proċedura pendenti għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu jew tagħha jew ta' xi permess ieħor li joffri d-dritt ta' soġġorn [residenza], dak l-Istat Membru għandu jikkunsidra li joqgħod lura milli joħroġ deċiżjoni ta' ritorn sakemm tintemm il-proċedura pendenti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6.

6. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn [residenza] legali flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn u/jew deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali."

9 L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Tluq volontarju", jipprovdi:

"1. Id-deċiżjoni ta' ritorn għandha tipprevedi perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 u 4. [...]

2. L-Istati Membri għandhom, fejn neċessarju, jestendu l-perijodu għat-tluq volontarju għal perijodu adegwat, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħat-tul tas-soġġorn, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola u l-eżistenza ta' rabtiet familjari u soċjali oħrajn.

[...]"

10 L-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Forma", jipprovdi fil-paragrafi (1) u (2) tiegħu:

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn u, jekk maħruġa, deċiżjonijiet ta' projbizzjoni fuq id-dħul u deċiżjonijiet ta' tneħħija, għandhom jinħarġu bil-miktub u jagħtu raġunijiet fil-fatt u fid-dritt kif ukoll informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli.

[...]

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, fuq talba, traduzzjoni bil-miktub jew orali ta' l-elementi prinċipali tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn kif imsemmi fil-paragrafu 1, inkluża l-informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli b'lingwa li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jifhem jew li jista' jkun raġonevolment mistenni li jifhem."

11 L-Artikolu 13 ta' din id-direttiva, intitolat "Rimedji", jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza.

[...]

3. Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jkollu l-possibbiltà li jikseb parir legali, rappreżentanza u, fejn meħtieġ, assistenza lingwistika.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali meħtieġa u/jew rappreżentazzjoni tingħata, meta mitluba, mingħajr ħlas skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew ir-regoli dwar għajnuna legali u tista' tipprovdi li assistenza legali mingħajr ħlas u/jew rappreżentazzjoni tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet kif stipulati fl-Artikolu 15(3) sa (6) tad-Direttiva 2005/85/KE."

*Id-dritt Franċiż*

12 Skont l-Artikolu L. 511-1 tal-code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (il-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal-persuni barranin u d-dritt għall-ażil), kif emendat bil-Liġi Nru 2011-672, tas-16 ta' Ġunju 2011, dwar l-immigrazzjoni, l-integrazzjoni u n-nazzjonalità (JORF tas-17 ta' Ġunju 2011, p. 10290, iktar 'il quddiem iċ-"Ceseda"):

"I. L-awtorità amministrattiva tista' tobbliga sabiex jitlaq mit-territorju Franċiż barrani li mhux ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea [...] u li mhux membru tal-familja ta' tali ċittadin fis-sens tas-subparagrafi 4 u 5 tal-Artikolu L. 121-1, meta jkun f'sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

[...]

4° Jekk il-barrani ma talabx it-tiġdid tal-permess ta' residenza temporanja tiegħu u żamm ruħu fit-territorju Franċiż fl-iskadenza ta' dan il-permess;

[...]

Id-deċiżjoni li tiddikjara l-obbligu ta' tluq mit-territorju Franċiż għandha tkun motivata. Ma huwiex meħtieġ li tkun is-suġġett ta' motivazzjoni distinta minn dik tad-deċiżjoni dwar ir-residenza fil-każijiet previsti fis-subparagrafi 3 u 5 tal-preżenti I, mingħajr preġudizzju, jekk ikun il-każ, għall-indikazzjoni tar-raġunijiet sabiex jiġu applikati s-sezzjonijiet II u III.

L-obbligu ta' tluq mit-territorju Franċiż għandu jiffissa l-pajjiż li lejh għandu jiġi rritornat il-barrani fil-każ ta' tneħħija forzata.

II. Sabiex jiġi ssodisfatt l-obbligu impost fuqu li jitlaq mit-territorju Franċiż, il-barrani għandu jkollu perijodu ta' tletin [30] jum li jibdew jgħoddu min-notifika tal-obbligu u jista' jitlob, għal dan l-għan, assistenza sabiex jirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Skont is-sitwazzjoni personali tal-barrani, l-awtorità amministrattiva tista' tagħti, fuq bażi eċċezzjonali, terminu għal tluq volontarju ta' iktar minn tletin [30] jum.

[...]"

13 L-Artikolu L. 512-1, I, taċ-Ceseda jipprevedi:

"Il-barrani li jiġi obbligat jitlaq mit-territorju Franċiż u li jkollu t-terminu għal tluq volontarju msemmi fl-ewwel paragrafu tas-sezzjoni II tal-Artikolu L. 511-1 jista', f'terminu ta' [30] jum min-notifika tal-obbligu, jitlob mill-Qorti Amministrattiva l-annullament ta' din id-deċiżjoni, kif ukoll l-annullament tad-deċiżjoni dwar ir-residenza, tad-deċiżjoni li ssemmi l-pajjiż ta' destinazzjoni u tad-deċiżjoni ta' projbizzjoni ta' ritorn fit-territorju Franċiż li possibbilment jakkumpanjawha. [...]

Il-barrani jista' jitlob li jibbenefika mill-għajnuna legali mhux iktar tard mill-preżentata tar-rikors tiegħu għal annullament. Il-Qorti Amministrattiva għandha tiddeċiedi f'terminu ta' tliet xhur li jibdew jgħoddu minn meta l-kawża titressaq quddiemha.

[...]"

14 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu L. 512-3 taċ-Ceseda jipprevedi:

“L-obbligu ta’ tluq mit-territorju Franċiż ma jistax ikun is-suġġett ta’ eżekuzzjoni forzata la qabel l-iskadenza tat-terminu għal tluq volontarju jew, jekk ma jkun ingħata l-ebda terminu, qabel l-iskadenza ta’ perijodu ta’ [48] siegħa min-notifika tiegħu bi proċedura amministrattiva, u lanqas qabel ma l-Qorti Amministrattiva tkun iddeċidiet jekk il-kawża tkun tressqet quddiemha. Il-barrani jiġi informat b’dan permezz tan-notifika bil-miktub tal-obbligu ta’ tluq mit-territorju Franċiż.”

15 L-Artikolu L. 742-7 taċ-Ceseda jipprevedi:

“Il-barrani li ma ngħatax b’mod definittiv ir-rikonoxximent tal-istatus ta’ refuġjat jew il-benefiċċju tal-protezzjoni sussidjarja u li ma jistax jiġi awtorizzat jibqa’ fit-territorju b’xi titolu ieħor, għandu jitlaq mit-territorju Franċiż, taħt piena li jkun is-suġġett ta’ miżura ta’ tneħħija kif previst fit-Titolu I tal-Ktieb V u, jekk ikun il-każ, tal-penali stipulati fil-Kapitolu I tat-Titolu II tal-Ktieb VI.”

16 L-Artikolu 24 tal-Liġi Nru 2000-321, tat-12 ta’ April 2000, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet amministrattivi (JORF tat-13 ta’ April 2000, p. 5646), jipprevedi:

“Bl-eċċezzjoni tal-każijiet fejn tittieħed deċiżjoni fuq talba, id-deċiżjonijiet individwali li għandhom jiġu motivati skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Liġi Nru 79-587, tal-11 ta’ Lulju 1979, dwar ir-rekwiżiti li tingħata motivazzjoni għal atti amministrattivi u dwar it-titjib tar-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet amministrattivi u l-pubbliku għandhom isiru biss wara li l-persuna kkonċernata tkun ingħatat l-opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet bil-miktub u, fejn xieraq, fuq talba min-naħa tagħha, osservazzjonijiet orali. Din il-persuna tista’ tiġi assistita minn kunsillier jew irrappreżentata minn aġent tal-għażla tagħha. L-awtorità amministrattiva ma hijiex marbuta tilqa’ t-talbiet għal smigħ li jkunu abbużivi, b’mod partikolari fin-numru tagħhom, u fin-natura ripetittiva jew sistematika tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma humiex applikabbli:

[...]

3° għad-deċiżjonijiet li għalihom miżuri leġiżlattivi stabbilixxew proċedura kontradittorja partikolari.

[...]”

17 Il-Conseil d’État qies, f’opinjoni fi proċedura kontenzjuża, tad-19 ta’ Ottubru 2007, li, skont l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 2000-321, tat-12 ta’ April 2000, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini fir-rigward tar-relazzjonijiet tagħhom mal-awtoritajiet amministrattivi, l-Artikolu 24 ta’ din il-liġi ma għandux jiġi applikat għad-deċiżjonijiet rigward obbligu ta’ tluq mit-territorju Franċiż, sa fejn il-leġiżlatur, billi ppreveda fiċ-Ceseda garanziji proċedurali speċifiċi, kellu l-intenzjoni li jiddetermina r-regoli kollha ta’ proċedura amministrattiva u kontenzjuża li għalihom huma suġġetti l-adozzjoni u l-eżekuzzjoni ta’ dawn id-deċiżjonijiet.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

18 K. Boudjlida, ta’ nazzjonalità Alġerina, wasal fi Franza fis-26 ta’ Settembru 2007 biex isegwi studji universitarji. Kellu residenza legali fit-territorju Franċiż bis-saħħa ta’ permess ta’ residenza bl-indikazzjoni “student”, li ġie mġedded annwalment. L-aħħar tiġdid kien jirrigwarda l-perijodu mill-1 ta’ Novembru 2011 sal-31 ta’ Ottubru 2012.

19 K. Boudjlida ma talabx it-tiġdid tal-aħħar permess ta’ residenza tiegħu u lanqas ma talab l-għoti ta’ permess ġdid ta’ residenza.

20 Minkejja li kien jinsab f'sitwazzjoni irregolari fit-territorju Franċiż, fis-7 ta' Jannar 2013, K. Boudjlida talab sabiex jirreġistra ruħu bħala persuna li taħdem għal rasha fi ħdan l-Union de recouvrement des cotisations de sécurité sociale et d'allocations familiales [Unjoni ta' rkupru ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u ta' allowances tal-familja (Urssaf)] sabiex joħloq impriża żgħira fil-qasam tal-inġinerija.

21 Billi mar għal-laqgħa stabbilita mill-imsemmi organu, fil-15 ta' Jannar 2013, K. Boudjlida, minħabba s-sitwazzjoni irregolari tiegħu, issejjaħ mis-servizzi tal-pulizija tal-fruntieri biex jippreżenta ruħu fil-post tagħhom l-istess ġurnata, jew l-għada filgħodu sabiex tkun eżaminata r-regolarità tar-residenza tiegħu.

22 Fil-15 ta' Jannar 2013, K. Boudjlida volontarjament ikkonforma mas-sejħa u nstema' minn dawn is-servizzi fir-rigward tas-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward tad-dritt ta' residenza fi Franza.

23 L-intervista, li damet 30 minuta, kienet tirrigwarda t-talba tiegħu sabiex jirreġistra ruħu bħala persuna li taħdem għal rasha kif ukoll dwar iċ-ċirkustanzi tal-wasla tiegħu fi Franza fis-26 ta' Settembru 2007, il-kundizzjonijiet tar-residenza tiegħu bħala student minn dik id-data u r-rabtiet familjari tiegħu u fuq il-kwistjoni ta' jekk huwa kienx ser jaqbel li jitlaq mit-territorju Franċiż, kemm-il darba jkun is-suġġett ta' deċiżjoni prefettorali f'dan is-sens.

24 Fi tmiem din l-intervista, il-prefett ta' Pyrénées-Atlantiques ħa d-deċiżjoni kkontestata, fil-15 ta' Jannar 2013, b'applikazzjoni tal-Artikolu L. 511-1 taċ-Ceseda. Ir-rimedji u t-termini ġudizzjarji miftuħin kontra din id-deċiżjoni ġew innotifikati lil K. Boudjlida.

25 Fit-18 Frar 2013, K. Boudjlida ppreżenta rikors għal annullament tal-imsemmija deċiżjoni quddiem il-Qorti Amministrattiva ta' Pau. Qabelxejn, huwa invoka l-irregolarità tal-proċedura li wasslet għall-istess deċiżjoni minħabba li, bi ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, huwa ma bbenefikax, matul din il-proċedura, mid-dritt li jinstema' b'mod utli. Sussegwentement, id-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn żball ta' liġi għaliex, fid-dawl tal-integrazzjoni ta' K. Boudjlida fl-istudji universitarji tiegħu kif ukoll tal-preżenza ta' żewġ zijiet tiegħu professuri universitarji fi Franza, din tikkawża preġudizzju sproporzjonat għall-ħajja privata tiegħu. Finalment, it-terminu għat-tluq volontarju ta' 30 jum, impost minn din id-deċiżjoni, huwa qasir wisq għal persuna li tkun ilha fit-territorju għal iktar minn ħames snin.

26 Il-prefett ta' Pyrénées-Atlantiques iddefenda l-legalità tal-imsemmija deċiżjoni billi argumenta li billi ma kienx talab it-tiġdid tal-aħħar permess tiegħu skont id-dispożizzjonijiet taċ-Ceseda, jiġifieri fix-xahrejn qabel l-iskadenza tal-permess preċedenti, K. Boudjlida kien qed jirrisjedi b'mod irregolari fil-jum tad-deċiżjoni kkontestata. Id-dritt li jinstema' ta' K. Boudjlida ġie rrispettat u d-deċiżjoni kkontestata hija, kemm fid-dritt u fil-fatt, suffiċjentement motivata. Ebda żball ta' liġi, barra minn hekk, ma twettaq. Fil-fatt, l-obbligu ta' tluq mit territorju Franċiż kien fondat peress li, bħal fil-kawża prinċipali, il-persuna kkonċernata, ċittadina ta' pajjiż terz, kellha residenza irregolari. Barra minn hekk, fl-assenza ta' rabtiet familjari iktar mill-qrib ta' K. Boudjlida fi Franza meta mqabbla mal-pajjiż tal-oriġini tiegħu, id-deċiżjoni kkontestata ma tikkawżax preġudizzju sproporzjonat għad-dritt ta' dan tal-aħħar għal ħajja privata u familjari tiegħu. Barra minn hekk, it-terminu mogħti lil K. Boudjlida sabiex jitlaq mit-territorju, li jirrifletti t-terminu li normalment jingħata, huwa suffiċjenti peress li l-ebda ċirkustanza partikolari li tiġġustifika l-għoti ta' terminu itwal ma ġiet allegata.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Amministrattiva ta' Pau ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li ġejjin:

"1) a) Liema hija l-portata, għal barrani ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab f'sitwazzjoni illegali li ser ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, tal-kontenut tad-dritt għal smigħ iddefinit fl-Artikolu 41 tal-[Karta]?

b) B'mod partikolari, dan id-dritt [għal dan il-barrani] jinkludi t-tqegħid f'pożizzjoni li janalizza l-provi kollha miġjuba kontrih f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' soġġorn [dritt ta' residenza] tiegħu, dak li jesprimi fehmtu, oralment jew bil-miktub, wara żmien ta' riflessjoni suffiċjenti, u dak li jibbenefika minn assistenza ta' konsulent tal-għażla tiegħu?

2) Jekk ikun hemm bżonn, din il-portata tal-kontenut għandha tiġi aġġustata jew imrażżna fid-dawl tal-għan ta' interess ġenerali tal-politika ta' ritorn espost mid-direttiva [2008/115]?

3) Jekk iva, liema aġġustamenti għandhom jiġu aċċettati, u fuq liema kriterji għandhom jiġu ddeterminati?"

**Fuq l-ewwel domanda**

28 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-dritt għal smigħ fil-proċedura kollha għandux jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, għal ċittadin ta' pajjiż terz b'residenza irregolari li ser ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, id-dritt li dan jitqiegħed f'pożizzjoni li janalizza l-provi kollha miġjuba kontrih u li fuqhom l-awtorità nazzjonali kompetenti trid tibbaża din id-deċiżjoni, dak li jkollu żmien ta' riflessjoni suffiċjenti qabel ma jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, u dak li jibbenefika minn assistenza ta' konsulent tal-għażla tiegħu matul is-smigħ tiegħu.

29 Qabelxejn għandu jiġi rrilevat li, taħt il-Kapitolu III tagħha, intitolat "Salvagwardji proċedurali", id-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi r-rekwiżiti proċedurali li għalihom huma suġġetti d-deċiżjonijiet ta' ritorn li għandhom b'mod partikolari jingħataw bil-miktub u għandhom ikunu motivati, u tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu rimedji ġudizzjarji effettivi kontra dawn id-deċiżjonijiet. Madankollu, din id-direttiva ma tippreċiżax jekk, u taħt liema kundizzjonijiet, għandu jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt ta' ċittadini ta' pajjiż terz għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernahom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Mukarubega, C-166/13, EU:C:2014:2336, punti 40 u 41).

30 Sa fejn il-qorti tar-rinviju invokat fl-ewwel domanda tagħha d-dritt għal smigħ billi ssemma' l-Artikolu 41 tal-Karta, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u d-dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha jifforma parti integrali minnhom (sentenzi Kamino International Logistics, C-129/13, EU:C:2014:2041, punt 28, u Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 42).

31 Id-dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha huwa llum stabbilit mhux biss permezz tal-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll tad-dritt għal smigħ xieraq fil-kuntest ta' kull proċedura ġudizzjarja, iżda wkoll permezz tal-Artikolu 41 tagħha, li jiżgura d-dritt għal amministrazzjoni tajba. Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 41 jipprevedi li dan id-dritt għal amministrazzjoni tajba jimplika, b'mod partikolari, id-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed miżura individwali kontriha li taffettwaha b'mod sfavorevoli (sentenzi Kamino International Logistics, EU:C:2014:2041, punt 29, u Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 43).

32 Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 67 tas-sentenza YS *et* (C-141/12 u C-372/12, EU:C:2014:2081), mill-kliem tal-Artikolu 41 tal-Karta jirriżulta biċ-ċar li dan huwa indirizzat mhux lill-Istati Membri, iżda biss lill-istituzzjonijiet, lill-korpi u lill-organi tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Cicala, C-482/10, EU:C:2011:868, punt 28).

33 Għaldaqstant, l-applikant għal permess ta' residenza ma jistax jiddeduċi mill-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha marbuta mat-talba tiegħu (sentenza Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 44).

34 Tali dritt huwa, min-naħa l-oħra, parti integrali mir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (sentenza Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 45).

35 Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, għandu, għaldaqstant, jiġi interpretat id-dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha.

36 Id-dritt għal smigħ jiggarantixxi lill-persuni kollha l-possibbiltà li jesprimu ruħhom, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tagħhom matul il-proċedura amministrattiva u qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni li għandha mnejn taffettwa b'mod sfavorevoli l-interessi tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi M., C-277/11, EU:C:2012:744, punt 87 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 46).

37 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regola li tipprovdi li d-destinatarju ta' deċiżjoni li tikkawża preġudizzju għandu jingħata l-opportunità li jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma din tittieħed hija intiża sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti tieħu inkunsiderazzjoni b'mod effettiv l-informazzjoni rilevanti kollha. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-persuna kkonċernata, l-imsemmija regola hija intiża b'mod partikolari sabiex din tal-aħħar tkun tista' tikkoreġi żball jew tissottometti elementi marbuta mas-sitwazzjoni personali tagħha li jsostnu s-sens li fih id-deċiżjoni għandha tittieħed, jew ma tittiħidx jew li jkollha kontenut speċifiku (ara s-sentenzi Sopropé, C-349/07, EU:C:2008:746, punt 49), u Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 47).

38 L-imsemmi dritt jimplika wkoll li l-amministrazzjoni għandha tagħti l-attenzjoni kollha dovuta lill-osservazzjonijiet sottomessi b'dan il-mod mill-persuna kkonċernata filwaqt li teżamina, bir-reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni u tagħti motivazzjoni ddettaljata għad-deċiżjoni tagħha (ara s-sentenzi Technische Universität München, C-269/90, EU:C:1991:438, punt 14, u Sopropé, EU:C:2008:746, punt 50), billi l-obbligu li timmotiva deċiżjoni b'mod suffiċjentement speċifiku u konkret sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tifhem ir-raġunijiet għalfejn it-talba tagħha qed tiġi miċħuda jikkostitwixxi l-korollarju tal-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża (sentenza M., EU:C:2012:744, punt 88).

39 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rispett tad-dritt għal smigħ japplika wkoll meta l-leġiżlazzjoni applikabbli ma tipprevedix b'mod espliċitu tali rekwiżit proċedurali (ara s-sentenzi Sopropé, EU:C:2008:746, punt 38; M., EU:C:2012:744, punt 86; kif ukoll G. u R., C-383/13 PPU, EU:C:2013:533, punt 32).

40 L-obbligu li jiġu rrispettati d-drittijiet tad-difiża tad-destinatarji ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw b'mod kunsiderevoli l-interessi tagħhom huwa għaldaqstant, fil-prinċipju, fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri meta huma jadottaw miżuri li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (sentenza G. u R., EU:C:2013:533, punt 35).

41 Meta la l-kundizzjonijiet li fihom għandu jiġi żgurat ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża taċ-ċittadini ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari, u lanqas il-konsegwenzi tal-ksur ta' dawn id-drittijiet ma jkunu stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, dawn il-kundizzjonijiet u dawn il-konsegwenzi jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali sakemm il-miżuri adottati f'dan is-sens ikunu tal-istess natura bħal dawk li minnhom jibbenefikaw l-individwi f'sitwazzjonijiet ġuridiċi ta' dritt nazzjonali komparabbli (prinċipju ta' ekwivalenza) u sakemm ma jirrendux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (sentenza Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Dawn ir-rekwiżiti ta' ekwivalenza u ta' effettività jesprimu l-obbligu ġenerali tal-Istati Membri li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' regoli proċedurali ddettaljati (sentenza Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Madankollu, skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja daqstant stabbilita, id-drittijiet fundamentali, bħal dawk tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, ma jidhrux bħala prerogattivi assoluti, iżda jistgħu jinvolvu restrizzjonijiet, sakemm dawn jikkorrispondu b'mod effettiv għal għanijiet ta' interess ġenerali segwiti permezz tal-miżura inkwistjoni u ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan segwit, interferenza sproporzjonata u intollerabbli li tippreġudika s-sustanza nnifisha tad-drittijiet iggarantiti b'dan il-mod (sentenzi Alassini *et*, C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punt 63; G. u R., EU:C:2013:533, punt 33; kif ukoll Texdata Software, C-418/11, EU:C:2013:588, punt 84).

44 Peress li l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-kontenut tad-dritt għal smigħ fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, għandhom jitfakkru, l-ewwel nett, il-kunsiderazzjonijiet ġenerali li ġejjin.

45 Il-modalitajiet li jipprovdu li ċittadin ta' pajjiż terz li għandu residenza illegali għandu jkun jista' jeżerċita d-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-għan tad-Direttiva 2008/115 li jipprevedi r-ritorn effikaċi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom residenza illegali lejn il-pajjiż tagħhom ta' oriġini (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Achughbabian, C-329/11, EU:C:2011:807, punt 30).

46 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ladarba tiġi kkonstatata l-irregolarità tar-residenza, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/115 u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(2) sa (5) tagħha, jadottaw deċiżjoni ta' ritorn (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 35; Achughbabian, EU:C:2011:807, punt 31; u Mukarubega, EU:C:2014:2336, punt 57).

47 Barra minn hekk, l-għan tad-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn huwa li l-persuna kkonċernata tagħti l-opinjoni tagħha dwar il-legalità tar-residenza tagħha u dwar l-eventwali applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva, previsti fl-Artikolu 6(2) sa (5) tagħha.

48 Sussegwentement, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 64 tal-konklużjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 intitolat "Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa", meta l-Istati Membri jimplementaw din id-direttiva, huma għandhom, minn naħa waħda, jikkunsidraw b'mod adegwat l-interessi superjuri tat-tfal, tal-ħajja tal-familja u tal-istat ta' saħħa taċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz, u, min-naħa l-oħra, jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement.

49 Minn dan jirriżulta li meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li tadotta deċiżjoni ta' ritorn, din l-awtorità għandha neċessarjament tirrispetta l-obbligi imposti bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 u tisma' lill-persuna kkonċernata f'dan ir-rigward.

50 F'dan ir-rigward, il-persuna kkonċernata għandha tikkoopera mal-awtorità nazzjonali kompetenti waqt is-smigħ tagħha sabiex tagħtiha l-informazzjoni kollha rilevanti dwar is-sitwazzjoni personali u familjari tagħha u, b'mod partikolari, dik li tista' tiġġustifika li deċiżjoni ta' ritorn ma tittiħidx.

51 Fl-aħħar nett, jirriżulta mid-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn l-obbligu għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jippermettu l-persuna kkonċernata tesprimi l-opinjoni tagħha dwar il-modalitajiet tar-ritorn tagħha, jiġifieri t-terminu għal tluq u n-natura volontarja jew vinkolanti tar-ritorn. B'hekk jirriżulta, b'mod partikolari, mill-Artikolu 7 tad-Direttiva 2008/115, li jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu perijodu adegwat għat-tluq volontarju ta' bejn sebat ijiem u tletin jum, li l-Istati Membri għandhom, fejn neċessarju, jestendu bis-saħħa tal-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, dan il-perijodu ta' tul xieraq billi jieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ individwali, bħat-tul tas-soġġorn, l-eżistenza ta' tfal li jattendu l-iskola u l-eżistenza ta' rabtiet familjari u soċjali oħrajn.

52 It-tieni nett, għandu jiġi eżaminat b'mod partikolari jekk id-dritt għal smigħ, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, jinkludix għal ċittadin ta' pajjiż terz residenza illegali li għandha tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, id-dritt li janalizza l-provi kollha miġjuba kontrih u li fuqhom l-awtorità nazzjonali kompetenti trid tibbaża din id-deċiżjoni, u dan jippresupponi li l-amministrazzjoni nazzjonali tikkomunikahomlu bil-quddiem u tagħtih żmien ta' riflessjoni suffiċjenti biex jipprepara għas-smigħ tiegħu kif ukoll id-dritt li jibbenefika minn assistenza ta' konsulent tal-għażla tiegħu matul dan is-smigħ.

53 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-komunikazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, tal-intenzjoni tagħha li tadotta din id-deċiżjoni, il-provi li fuqhom din l-awtorità trid tibbaża din id-deċiżjoni, u tagħti lil persuna kkonċernata żmien ta' riflessjoni, għandha, qabelxejn, tirrileva li d-Direttiva 2008 ma tistabbilixxix dawn il-modalitajiet proċedurali kontradittorji.

54 Sussegwentement, fil-punt 60 tas-sentenza Mukarubega (EU:C:2014:2336), il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li, peress li d-deċiżjoni ta' ritorn hija marbuta mill-qrib, skont id-Direttiva 2008/115, mal-konstatazzjoni tan-natura irregolari tar-residenza, id-dritt għal smigħ ma jistax jiġi interpretat fis-sens li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tikkunsidra li tadotta fl-istess waqt, fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari, deċiżjoni li tikkonstata residenza irregolari u deċiżjoni ta' ritorn, din l-awtorità jkollha neċessarjament tisma' lill-persuna kkonċernata b'mod li tippermettilha tesprimi ruħha speċifikament fuq din id-deċiżjoni msemmija l-aħħar, għaliex din kellha l-possibbiltà tesprimi, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tagħha u tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, il-fatt li l-imsemmija awtorità tastjeni milli tadotta deċiżjoni ta' ritorn.

55 B'hekk jirriżulta li d-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn għandu jiġi interpretat mhux fis-sens li l-imsemmija awtorità hija obbligata li tinforma liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li għandu residenza irregolari, qabel is-smigħ organizzat bil-għan li tiġi adottata din id-deċiżjoni, dwar il-fatt li hija għandha l-intenzjoni tadotta deċiżjoni ta' ritorn u lanqas li tikkomunikalu l-punti li fuqhom hija għandha l-intenzjoni tibbaża din id-deċiżjoni u lanqas li tagħtih terminu ta' riflessjoni qabel ma tiġbor l-osservazzjonijiet tiegħu, iżda fis-sens li dan iċ-ċittadin għandu jkollu l-possibbiltà jesprimi, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tiegħu fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tiegħu u tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, il-fatt li l-imsemmija awtorità tastjeni milli tadotta deċiżjoni ta' ritorn.

56 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 69 tal-konklużjonijiet tiegħu, jeħtieġ li ssir eċċezzjoni fil-każ fejn iċ-ċittadin tal-pajjiż terz ma jistax b'mod raġonevoli jissuspetta xi provi setgħu jitressqu kontrih jew ma jistax b'mod raġonevoli jirrispondi għalihom ħlief wara ċertu verifiki jew proċeduri sabiex b'mod partikolari jikseb dokumentazzjoni ta' ġustifikazzjoni.

57 Jibqa' l-fatt, fi kwalunkwe każ, kif tirrileva l-Kummissjoni Ewropea, li ċ-ċittadin kkonċernat ta' pajjiż terz b'residenza irregolari għandu l-possibbiltà li jikkontesta, jekk jixtieq, l-evalwazzjoni magħmula mill-amministrazzjoni tas-sitwazzjoni tiegħu fil-kuntest ta' azzjoni kontenzjuża.

58 Fil-fatt, l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2008/115, imdaħħal fil-Kapitolu III tagħha, dwar salvagwardji proċedurali, jipprovdi l-obbligu għall-Istati Membri li jagħtu d-deċiżjonijiet ta' ritorn tagħhom bil-miktub u għandhom ikunu motivati bil-fatt u bid-dritt u billi jippreċiżaw r-rimedji ġudizzjarji. Għandha ssir traduzzjoni bil-miktub jew orali tal-elementi prinċipali tal-imsemmija deċiżjonijiet, jekk ikun il-każ, fiċ-ċirkustanzi previsti fl-Artikolu 12(2) ta' din id-direttiva. Dawn is-salvagwardji flimkien ma' dawk ibbażati fuq id-dritt għal rimedju effettiv, previst fl-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, jiżguraw il-protezzjoni u d-difiża tal-persuna kkonċernata kontra deċiżjoni li taffettwaha b'mod sfavorevoli.

59 Minn dak kollu li ntqal hawn fuq jirriżulta li d-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn għandu jippermetti lill-amministrazzjoni nazzjonali li tistudja l-fajl b'mod li tieħu deċiżjoni informata u li timmotivaha b'mod xieraq, sabiex, jekk ikun il-każ, il-persuna kkonċernata tkun tista' teżerċita d-dritt ta' azzjoni tagħha b'mod validu.

60 F'dan il-każ, fil-kawża prinċipali, mill-proċess verbali tas-smigħ ta' K. Boudjlida mis-servizzi tal-pulizija tal-fruntieri, jirriżulta li dan ġie mistieden, fil-15 ta' Jannar 2013, sabiex jippreżenta ruħu fl-uffiċċji tal-pulizija, jew fl-istess jum jew l-għada filgħodu sabiex jiġi "eżaminat il-permess ta' residenza [tiegħu]". Billi ddeċieda, minn jeddu, li jmur, volontarjament, l-istess ġurnata għand l-imsemmija servizzi biex jinstema', K. Boudjlida rrinunzja għaż-żmien ta' riflessjoni ta' ġurnata offrut lilu mill-Pulizija u għall-użu ta' konsulent legali.

61 Minn dan il-proċess verbal jirriżulta wkoll li K. Boudjlida kien jaf li l-permess ta' residenza tiegħu kien skada fil-31 ta' Ottubru 2012 u li huwa ma setax ma jkunx jaf li, fin-nuqqas ta' talba sabiex iġedded il-permess ta' residenza tiegħu, huwa kien qed jirrisjedi b'mod irregolari fi Franza. Barra minn hekk, il-pulizija informatu, b'mod espliċitu, li K. Boudjlida seta' jkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn u interrogatu dwar il-kwistjoni jekk kienx jaċċetta li jitlaq mit-territorju Franċiż, jekk tittieħed deċiżjoni f'dan is-sens fil-konfront tiegħu. Għal din il-mistoqsija K. Boudjlida rrisponda li huwa kien jaċċetta "li [jistenna fiċ-ċentri] ta' akkoljenza r-risposta tal-prefettura ta' Pau li tista' [titolbu jitlaq] mit-territorju jew [tqiegħdu] f'ċentru ta' detenzjoni, jew [titolbu jirregolarizza] s-sitwazzjoni [tiegħu]".

62 Konsegwentement, K. Boudjlida ġie informat bir-raġunijiet tas-smigħ tiegħu u kien jaf is-suġġett li dwaru kien ser jiġi interrogat u l-konsegwenzi possibbli. Barra minn hekk, dan is-smigħ kien jirrigwarda b'mod ċar l-informazzjoni rilevanti u neċessarja għall-finijiet tal-implementazzjoni tad-Direttiva 2008/115, b'rispett tad-dritt għal smigħ tal-persuna kkonċernata.

63 Fil-fatt, matul l-intervista mal-pulizija, K. Boudjlida ġie interrogat, b'mod partikolari, dwar l-identità tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu, l-istat ċivili tiegħu, l-irregolarità tar-residenza tiegħu fi Franza, il-proċeduri amministrattivi li huwa beda sabiex jirregolarizza r-residenza tiegħu, kemm kien ilu residenti b'kollox fi Franza, il-permessi ta' residenzi antiki tiegħu, il-formazzjoni skolastika u professjonali tiegħu, ir-riżorsi tiegħu, is-sitwazzjoni familjari tiegħu fi Franza u fl-Alġerija. Is-servizzi tal-pulizija staqsewh jekk kienx jaċċetta jitlaq mit-territorju Franċiż jekk tittieħed deċiżjoni ta' ritorn mill-prefett tal-Pyrénées-Atlantiques. Barra minn hekk, sa fejn K. Boudjlida nstema', b'mod partikolari, fuq it-tul tar-residenza tiegħu fi Franza, l-istudji tiegħu fi Franza u r-rabtiet familjari tiegħu fi Franza, kellu l-possibbiltà jesprimi, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tiegħu fir-rigward kemm tal-ħajja familjari tiegħu skont l-Artikolu 5(b) tad-Direttiva 2008/115 kif ukoll tal-eventwali applikazzjoni tal-kriterji li jippermettu li jiġi estiż it-terminu għal tluq volontarju bis-saħħa tal-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva, u b'hekk instemgħet l-opinjoni tiegħu dwar il-modalitajiet tar-ritorn tiegħu.

64 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk id-dritt għal smigħ, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, jinkludix id-dritt li jibbenefika minn assistenza ta' konsulent waqt is-smigħ, għandu jiġi rrilevat li dritt għall-assistenza legali huwa previst biss fl-Artikolu 13 ta' din id-direttiva wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn u biss fil-kuntest ta' rikors ippreżentat, biex jikkontesta din id-deċiżjoni, quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza. Skont l-Artikolu 13(4), f'ċerti ċirkustanzi, għandha tingħata għajnuna legali bla ħlas meta tintalab mill-persuna kkonċernata.

65 Madankollu, ċittadin ta' pajjiż terz li għandu residenza illegali jista' dejjem jitlob, bi spejjeż għalih, konsulent legali sabiex jibbenefika mill-assistenza ta' dan tal-aħħar waqt is-smigħ tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bil-kundizzjoni li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jaffettwax l-iżvolġiment korrett tal-proċedura u ma jikkompromettix l-implementazzjoni effettiva tal-imsemmija direttiva.

66 F'dan il-każ, fil-kawża prinċipali, jidher li, matul is-seduta tiegħu, K. Boudjlida ma talabx li jkun assistit minn konsulent legali.

67 Fl-aħħar lok, fil-kuntest tal-fatt li K. Boudjlida u l-Kummissjoni jirreferu għall-ħin qasir, jiġifieri 30 minuta, tas-smigħ inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li l-kwistjoni ta' jekk it-tul ta' ħin tas-smigħ ta' ċittadin minn pajjiż terz f'sitwazzjoni irregolari għandux effett fuq ir-rispett tad-dritt għal smigħ, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, ma hijiex determinanti. Fil-fatt, l-importanti huwa li wieħed ikun jaf jekk dan iċ-ċittadin nstemax b'mod suffiċjenti fir-rigward tal-opinjoni tiegħu dwar il-legalità tar-residenza tiegħu u s-sitwazzjoni personali tiegħu, liema fatt, fir-rigward ta' K. Boudjlida, jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fil-punti 61 sa 63 ta' din is-sentenza.

68 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li d-dritt għal smigħ fil-proċeduri kollha, kif japplika fil-kuntest ta' din id-direttiva u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, għal ċittadin minn pajjiż terz li għandu residenza irregolari, id-dritt li l-persuna kkonċernata tesprimi, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernah, l-opinjoni tagħha dwar il-legalità tar-residenza tiegħu, dwar l-eventwali applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 6(2) sa (5) tal-imsemmija direttiva, kif ukoll dwar il-modalitajiet tar-ritorn tiegħu.

69 Min-naħa l-oħra, id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-awtorità nazzjonali kompetenti la li tinforma lil dan iċ-ċittadin, qabel is-smigħ organizzat bil-għan tal-imsemmija adozzjoni, bil-fatt li hija għandha l-intenzjoni tadotta fir-rigward tiegħu deċiżjoni ta' ritorn, la li tikkomunikalu l-punti li fuqhom hija għandha l-intenzjoni tibbaża din id-deċiżjoni, u lanqas li tagħtih terminu ta' riflessjoni qabel ma tiġbor l-osservazzjonijiet tagħha, peress li l-imsemmi ċittadin għandu l-possibbiltà jesprimi, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tiegħu fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tiegħu u tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, il-fatt li l-imsemmija awtorità tastjeni milli tadotta deċiżjoni ta' ritorn.

70 Id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz li għandu residenza irregolari jista' jirrikorri, qabel l-adozzjoni mill-awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernah, għal konsulent legali sabiex jibbenefika mill-assistenza ta' dan tal-aħħar waqt is-smigħ tiegħu minn din l-awtorità, bil-kundizzjoni li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jaffettwax l-iżvolġiment korrett tal-proċedura ta' ritorn u ma jikkompromettix l-implementazzjoni effettiva tad-Direttiva 2008/115.

71 Madankollu, id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-Istati Membri jassumu r-responsabbiltà għal din l-assistenza fil-kuntest tal-għajnuna legali mingħajr ħlas.

**Fuq it-tieni u t-tielet domandi**

72 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domandi.

**Fuq l-ispejjeż**

73 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi, għal ċittadin minn pajjiż terz li għandu residenza irregolari, id-dritt li jesprimi, qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernah, l-opinjoni tiegħu dwar il-legalità tar-residenza tiegħu, dwar l-eventwali applikazzjoni tal-Artikoli 5 u 6(2) sa (5) tal-imsemmija direttiva kif ukoll dwar il-modalitajiet tar-ritorn tiegħu.**

**Min-naħa l-oħra, id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-awtorità nazzjonali kompetenti la li tinforma lil dan iċ-ċittadin, qabel is-smigħ organizzat bil-għan tal-imsemmija adozzjoni, bil-fatt li hija għandha l-intenzjoni tadotta fir-rigward tiegħu deċiżjoni ta' ritorn, la li tikkomunikalu l-punti li fuqhom hija għandha l-intenzjoni tibbaża din id-deċiżjoni u lanqas li tagħtih terminu ta' riflessjoni qabel ma tiġbor l-osservazzjonijiet tiegħu, peress li dan iċ-ċittadin għandu l-possibbiltà jesprimi, b'mod utli u effettiv, l-opinjoni tiegħu fir-rigward tal-irregolarità tar-residenza tiegħu u tar-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw, skont id-dritt nazzjonali, li din l-awtorità tastjeni milli tadotta deċiżjoni ta' ritorn.**

**Id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ċittadin ta' pajjiż terz li għandu residenza irregolari jista' jirrikorri, qabel l-adozzjoni mill-awtorità amministrattiva nazzjonali kompetenti ta' deċiżjoni ta' ritorn li tikkonċernah, għal konsulent legali sabiex jibbenefika mill-assistenza ta' dan tal-aħħar waqt is-smigħ tiegħu minn din l-awtorità, bil-kundizzjoni li l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jaffettwax l-iżvolġiment korrett tal-proċedura ta' ritorn u ma jikkompromettix l-implementazzjoni effettiva tad-Direttiva 2008/115.**

**Madankollu, id-dritt għal smigħ f'kull proċedura, kif japplika fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 6 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jobbligax lill-Istati Membri jassumu r-responsabbiltà għal din l-assistenza fil-kuntest tal-għajnuna legali mingħajr ħlas.**

Firem